



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ottubru 2016
(OR. en)

12722/16

LIMITE

ECOFIN 857
ENV 623
CLIMA 128

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Finanzjament għall-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament għall-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament tal-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima, kif approvat mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

ABBOZZ ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN

11 ta' Ottubru 2016

1. JILQA' l-objettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' direzzjoni lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra kif ukoll żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima. ITENNI li dan jeħtieġ azzjoni mill-partijiet kollha individwalment u kollettivament.
2. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima, bħala parti minn sforz globali, immexxija mill-pajjiżi żviluppati, b'mod partikolari biex tingħata assistenza lil pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rigward tal-mitigazzjoni u l-adattament biex jimplimentaw l-istrateġiji mmexxija minn pajjiżhom, b'mod partikolari Kontributi Determinati fil-Livell Nazzjonali. JENFASIZZA li l-UE u xi Stati Membri tal-UE, f'Pariġi fil-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), ħabbru ammonti oġġla ta' finanzjament pubbliku għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima previsti għas-snin li ġejjin u b'hekk tiżdied ukoll il-prevedibbiltà. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha jipprovdu parti sostanzjali tal-finanzjament pubbliku għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima, u JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal kondiviżjoni ġusta tal-piż fost il-pajjiżi żviluppati u għal parteċipazzjoni futura minn firxa usa' ta' kontributori. JENFASIZZA l-importanza ta' perspettiva orjentata lejn l-eżiti dwar il-finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima, li tiżgura l-akbar impatt possibbli tal-fondi provduti u mobilizzati.
3. JILQA' l-ħidma tal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp biex iħejju pjan direzzjonali konkret biex jiksbu l-mira li b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun kull sena sal-2020 għall-mitigazzjoni u l-adattament minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, pubbliċi u privati, bilaterali u multilaterali, inkluż sorsi alternattivi ta' finanzjament, fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni siewja u trasparenza fl-implimentazzjoni. JISTENNA B'INTERESS il-finalizzazzjoni tal-pjan direzzjonali qabel l-UNFCCC COP22.

4. JAFFERMA li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati biex jimmobilizzaw is-sehem tagħhom tal-mira tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena sal-2020 u mbagħad sal-2025 għall-mitigazzjoni u l-adattament, minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, strumenti u kanali.
5. ITENNI li l-finanzjament pubbliku għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima ser ikompli jkollu rwol sinifikanti. JIKKONFERMA li l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jipprovdu finanzjament pubbliku għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima għal finijiet ta' mitigazzjoni u adattament.
6. JITLOB lill-Kummissjoni biex tipprovdi ħarsa ġenerali dwar il-finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima mill-UE u l-Istati Membri tagħha għall-2015 biex il-Kunsill japprova dan il-kontribut qabel l-UNFCCC COP22.
7. JISĦAQ fuq l-importanza li jiżdiedu r-riżorsi biex jiġu appoġġati dawk il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-konsegwenzi negattivi tat-tibdil fil-klima u li għandhom limitazzjonijiet sinifikanti fil-kapaċità.
8. Ukoll JILQA' l-impenji li saru mill-parti l-kbira tal-banek multilaterali tal-iżvilupp (MDBs) biex isaħħu l-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u tal-adattament u r-reżiljenza għalih fil-portafolli kollha tagħhom u fi ħdan il-mandati tagħhom, inkluż l-impenji tagħhom biex iżidu l-investimenti tagħhom relatati mal-klima. JINKORAĠĠIXXI lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u reġjonali u lill-aġenziji tan-NU biex jipprovdu informazzjoni lill-Partijiet permezz tas-segretarjat tal-UNFCCC dwar kif jintegraw l-oġettivi dwar il-klima u jinkorporaw miżuri ta' reżiljenza għall-tibdil fil-klima fil-programmi tagħhom ta' assistenza għall-iżvilupp u ta' finanzjament għall-għieda kontra t-tibdil fil-klima.

9. JILQA' l-kontribuzzjonijiet importanti ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima minn xi ekonomiji emerġenti u pajjiżi li qed jiżviluppaw. JENFASIZZA li l-Ftehim ta' Pariġi jhegġegħ lill-Partijiet l-oħra għajr dawk impenjati taħt il-Konvenzjoni biex jipprovdu jew ikomplu jipprovdu riżorsi finanzjarji fuq bażi volontarja.
10. JIRRIKONOXXI lis-settur privat bħala sors ewlieni ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u flussi ta' investiment rilevanti oħra. JIRRIKONOXXI li l-finanzjament mis-settur privat jikkomplementa, iżda ma jissostitwixxix il-finanzjament mis-settur pubbliku, fejn ikun meħtieġ finanzjament pubbliku. JINNOTA li l-UE għandha stabbiltà u ser tkompli tiżviluppa sett wiesa' ta' strumenti biex timmobilizza finanzjament mis-settur privat għal azzjonijiet klimatiċi internazzjonali inkluż finanzjament mobilizzat mis-settur privat lokali.
11. JILQA' l-fatt li l-Ftehim ta' Pariġi jibgħat sinjal qawwi lis-settur privat biex jorjenta mill-ġdid il-flussi finanzjarji lejn investimenti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. JINNOTA l-isforzi li għaddejjin fl-UE biex jiġu allinjati l-inċentivi għall-investiment għall-oġettivi tal-UE dwar il-klima, eż. permezz tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa; u f'dan il-kuntest JILQA' l-ħidma tal-G20 u tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja, bħala kontributi importanti biex jiġi orjentat mill-ġdid l-investiment privat. JISSOTTOLINJA li l-ipprezzar tal-karbonju huwa wieħed mill-komponenti ewlenin ta' ambjent abilitanti għaċ-ċaqliq tal-investimenti li jista' jinkiseb permezz ta' sensiela ta' għodod, inkluż ir-regolamentazzjoni, in-negozjar ta' emissjonijiet u t-taxxi. F'dan il-kuntest, JAPPOĠĠA inizjattivi ta' pprezzar tal-karbonju kif ukoll inizjattivi li jippromwovu l-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u lill-ekonomija u fost l-oħrajn l-eliminazzjoni gradwali ta' finanzjament għal proġetti b'intensività ta' emissjonijiet.

12. JENFASIZZA l-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex iżidu l-finanzjament mobilizzat għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima kif jidher fil-preżentazzjonijiet tal-2016 dwar l-istrateġiji u l-approċċi. IFAKKAR li ż-żieda fil-finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima hija proċess iterattiv li jimxi id f'id mal-ħidma tal-gvernijiet biex jiżviluppaw ambjenti, strateġiji ta' investiment, proġetti u programmi abilitanti li lkoll għandhom jinkludu l-impenn ta' azzjoni tas-settur privat. F'dan il-kuntest JILQA' l-isforzi mwettqa mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.
13. JENFASIZZA l-importanza li l-adattament jiġi appoġġat biex jgħin l-integrazzjoni ta' objettivi dwar il-klima fl-istrateġiji tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jibni għajxien aktar reżiljenti għall-klima. JISSOTTOLINJA l-importanza li jinkiseb bilanċ bejn il-finanzjament tal-adattament u dak tal-mitigazzjoni f'konformità mal-prijoritajiet u l-objettivi proprji tal-pajjiżi, u JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha kollettivament qed jagħmlu, u ser ikomplu jagħmlu, sforzi biex jidderieġu sehem sostanzjali tal-finanzjament pubbliku għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima lejn l-adattament, speċjalment billi jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw l-aktar fqar u dawk partikolarment vulnerabbli bħall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDS).
14. JENFASIZZA li l-qafas ta' trasparenza ser ikun essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim ta' Pariġi billi jtejjeb ir-responsabbiltà tal-finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. JISĦAQ li dan il-qafas għandu jipprovdi ċarezza dwar l-appoġġ provdut, mobilizzat u rċevut, inkluż dwar l-azzjonijiet li jagħmlu l-flussi finanzjarji konsistenti ma' direzzjoni lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u lejn żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, ukoll bil-ħsieb li tiġi informata l-analiżi globali. Il-qafas għandu jkun akkumpanjat minn metodoloġiji ċari u komuni, li jibnu fuq il-metodoloġiji eżistenti u l-progress miksub fit-tnejn tal-istudju tal-OECD/CPI. JAPPOĠĠA l-iżvilupp ta' modalitajiet ta' kontabbiltà fuq riżorsi finanzjarji provduti u mobilizzati permezz ta' interventi pubbliċi biex jiġu riflessi l-isforzi tal-Partijiet tas-sorsi rilevanti kollha b'mod kredibbli. JILQA' l-Valutazzjoni Biennali u l-ħarsa ġenerali tal-flussi ta' finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima tal-Kumitat Permanenti dwar il-Finanzjament biex tiġi ggwidata aktar il-ħidma dwar il-Kejl, Rappurtar u Verifika (MRV) tal-appoġġ.

15. JISĦAQ fuq l-importanza ta' appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-ippjanar tal-mitigazzjoni u tal-adattament u għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva. Barra minn hekk JENFASIZZA l-ħtieġa għall-iżvilupp ta' sensiela ta' proġetti u programmi attraenti sabiex jiġu massimizzati r-riżorsi finanzjarji u l-effettività, kif ukoll l-importanza ta' aċċessibbiltà għall-fondi disponibbli għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-attrazzjoni tal-finanzjament privat. JENFASIZZA li l-appoġġ kontinwu tal-UE u tal-Istati Membri għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet għal pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-bżonn, inkluż fil-qasam tal-kooperazzjoni teknoloġika. JISĦAQ fuq l-importanza li jiġi żgurat aċċess effiċjenti għal riżorsi finanzjarji biex jiġu appoġġati strateġiji mmexxija mill-pajjiżi permezz ta' proċeduri simplifikati ta' approvazzjoni fil-kuntest tal-Mekkaniżmu Finanzjarju u appoġġ imtejjeb tad-disponibbiltà għal pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-LDCs u l-SIDS.
16. JIRRIKONOXXI u JAPPOĠĠA l-importanza ta' implimentazzjoni globali ambizzjuża tal-Kontributi Determinati fil-Livell Nazzjonali. JENFASIZZA li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE u l-Istati Membri ma' pajjiżi terzi għandha tieħu kont b'mod sħiħ tas-sinerġiji bejn l-oġettivi dwar il-klima u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli kif adottati mill-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-aġenda ta' azzjoni ta' Addis Ababa għall-finanzjament għall-iżvilupp, u aġendi internazzjonali oħra. JENFASIZZA li ser tkun essenzjali koordinazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati dwar il-finanzjament b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Kontribut Determinat fil-Livell Nazzjonali: kull istituzzjoni ser tinħtieġ taġixxi fi sħubija u f'koordinazzjoni mal-oħrajn biex jiġi massimizzat l-impatt fuq il-post.

17. JILQA' li l-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-Konvenzjoni għandu jservi bħala l-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-Ftehim ta' Pariġi. JENFASIZZA r-rwol tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima bħala vettura multilaterali ewlenija biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu appoġġati fil-promozzjoni tal-bidla radikali lejn direzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima. JILQA' l-approvazzjoni ta' aktar proġetti u programmi, u JILQA' WKOLL l-approvazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-Fond Ekoloġiku għall-Klima u l-ambizzjoni tiegħu li jsaħħaħ l-impatt trasformattiv tal-Fond. JENFASIZZA li sehem sostanzjali tal-fondi impenjati (47 fil-mija) u li huma disponibbli għej mill-Istati Membri tal-UE. JILQA' l-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-Fond Ekoloġiku għall-Klima u JĦEĠĠEĠ lill-pajjiżi kollha li huma f'pożizzjoni li jikkontribwixxu, biex jagħmlu dan.
-